**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru : 557/2018 JPG**

**Kawza Numru : 15**

**CZ**

**U**

**AV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' CZ u AV, datat 19 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003).*

*Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal, it-tnejn minuri u cioe KZ illi twieled X u RZ illi Y.*

*Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Casingena hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 1.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal izjed minn hames snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante*

*dekadenza minn naha tal-partijiet b'mod reciproku.*

*Illi l-manteniment favor il-minuri K u R u l-access ghall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-paritjiet jaqblu li l-miniri qed jircievu manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri se jibqaw l-istess skont il-ftehim raggunt.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant , l-esponenti umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg taghhom celebrat nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

2. *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez a karigu taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CZ** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Dicembru 2003 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-6 ta' Settembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum ghadhom minorenni, u versu liema huwa jhallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AV** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' CZ.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Dicembru 2003 (Vide Dok CZ, a fol 26) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, li ghadhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Reuben Casingena, datat 6 ta' Settembru 2013 (vide Dok.A. fol 3 et seqq), debitament awtorizzat mill-Qorti;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**